# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 261/2007/2 AGV**

**Sylvana Spiteri**

**v.**

**Patrick Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Bejn il-partijiet hemm kawża ta' separazzjoni li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Permezz ta' rikors preżentat fit-23 ta' Settembru 2019 il-konvenut talab lill-Qorti tal-ewwel grad sabiex tagħti sentenza *".... fir-rigward id-disa' talba attriċi u l-ħames kontro-talba, billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti mid-data tas-sentenza"*.

*2.* B'sentenza li ngħatat fid-29 ta' Jannar 2020 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut, u tat dawn ir-raġunijiet:-

> *"Illi l-konvenut, permezz tar-rikors odjern, qed jitlob lill-Qorti tghaddi ghas- sentenza fuq id-disa' talba tar-rikors guramentat tal-attrici, u tal-hames kontro- talba tieghu. Illi dawn it-talbiet jittrattaw ix-xoljiment ossia l-likwidazzjoni tal- komunjoni tal-akkwisti, haga li tista' ssir biss mas-sentenza finali u fl-ebda stadju qabel. Ghalhekk, dak mitlub mill-konvenut fir-rikors tieghu huwa ghal kollox inammissibbli f'dan l-istadju.*
>
> *"Il-Qorti tista' tippresumi li t-talba kellha tkun imsejsa fuq l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi r-rikors jaghmel riferenza ghalih fil- premess tal-istess rikors. Dan l-Artikolu jiddisponi dwar talba ghall-waqfien tal- komunjoni, u mhux ghax-xoljiment tieghu. Id-differenza mhix biss wahda akkademika. Gustament tali talba tista' ssir f'kull stadju waqt il-proceduri, u l-*
>
> *"Qorti tkun trid tara jekk tali ordni tistax tkun ta' pregudizzju mhux proporzjonat lill-parti jew l-ohra. Tali ordni tohloq stat ta' fatt gdid, fejn il-komunjoni tibqa' mhux likwidata, izda l-partijiet ma jkunux aktar marbuta ma' xulxin b'dan l- istitut mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Ghalhekk, ghalkemm il-proprjeta' konsistenti fil-komunjoni tibqa' hekk mhux mittiefsa, il-partijit ikunu liberi li jakkwistaw proprjeta' f'isimhom minghajr ma' din tifforma parti mill-komunjoni ezistenti. Fir-rikors odjern, izda, il-konvenut qed jitlob esspressament li l-Qorti tittratta d-disa' talba tal-attrici u l-hames kontro-talba tieghu w xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, haga li f'dan l-istadju mhix ammissibbli".*

3. B'rikors preżentat fit-18 ta' Frar 2020 il-konvenut appella mid-deċiżjoni. L-aggravji huma li:

i. Is-sentenza preliminari hi nulla għaliex l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba fir-rikors minflok iddeċidiet it-talba skont l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili, u minflok ċaħdet ir-rikors b'digriet.
ii. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti ma kinux korretti.

iii. L-ewwel Qorti m'għamlitx l-eżami li kellha tagħmel skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili sabiex tiddetermina għandhiex tilqa' it-talba tal-konvenut magħmula bir-rikors tat-23 ta' Settembru 2019.

4. L-attriċi wieġbet u spjegat għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenut.

Konsiderazzjoni.

5. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenut argumenta li d-deċiżjoni appellata hi frott ta' żball proċedurali li jġib in-nullita` għaliex l-ewwel Qorti kkonkludiet li t-talba kif magħmula m'hijiex ammissibbli. Isostni li ġialadarba l-ewwel Qorti waslet għal dik il-konklużjoni ma kellhiex tagħti sentenza iżda semmai tagħti digriet u tiċħad it-talba.

6. Il-Qorti ma tarax li hemm nullita` fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti irrispettivament mir-raġunament tal-ewwel Qorti, li kkonkludiet li f'dan l-istadju tal-proċeduri ma kellhiex issir talba sabiex tiddeċiedi d-disa' talba tal-attriċi u l-ħames talba tal-kontro-talba u lanqas għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

7. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

8. Bit-tieni aggravju l-konvenut spjega għalfejn ma jaqbilx mar-raġunament tal-ewwel Qorti. Argumenta:

*"Il-'waqfien', jew 'terminazzjoni', tal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa x-xoljiment tieghu. B'kull rispett lejha, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti donnha tiddifferenzja l-'waqfien' mix-'xoljiment' in kwantu tipprezumi li x-xoljiment igib awtomatikament il-likwidazzjoni tal-komunjoni - ghalkemm ma tghidhiex espressament, talludi ghaliha bhala differenzjali. B'kull rispett, dan ma hux korrett.*

*"Ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu l-istess effett legali li l-Ewwel Onorabbli Qorti tispjega ghall-kuncett ta' 'waqfien' – "Tali ordni tohlog stat ta' fatt gdid, fejn il-komunjoni tibqa mhux likwidata, izda l-partijiet ma jkunux aktar marbuta ma' xulxin b'dan l-istut mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Ghalhekk, ghalkemm il-proprjeta` konsistenti fil-komunjoni tibqa' hekk mhux mittiefsa, il-partijiet ikunu liberi li jakkwistaw proprjeta` f'isimhom minghajr ma' din tifforma parti mill-komunjoni ezistenti." Ma hemm differenza ta' xejn.*

*"L-iskop li parti titlob l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55 huwa proprju biex jindirizza wiehed mill-elementi li jridu jigu ezaminati f'kawza ta' separazzjoni – cioe` x'ser isir mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. F'kawza ta' separazzjoni, l-attur [u f'dan il-kaz anke l-konvenut permezz ta' kontro-talba] jaghmel talbiet fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kif il-partijiet se jiddisponu minnu. L-iskop ta' l-Artikolu 55 huwa proprju biex jindirizza l-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li l-partijiet ikun talbu fl-Atti promoturi li l-Qorti tiddisponi u tiddeciedi dwaru, u dan f'mument qabel ma tinghata s-Sentenza finali.*

*"Filwaqt li l-Artikolu 55(1) jitkellem biss dwar il-possibilta` li l-komunjoni tigi terminata minghajr ma jitkellem b'mod espress dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni u l-assenjazzjoni per se ta' l-attiv u l-passiv, madanakollu, l-Artikolu 55(7) jaghti l-fakolta` lill-Qorti tillikwida u tqassam il-kontenut tal-komunjoni fi stadju ulterjuri. L-uzu tal-kliem 'tista, izda', hija indikattiva tal-fatt li l-effett ta' dak prospettat fl-Artikolu 55(1) jinkludi mhux biss it-terminazzjoni, izda l-likwidazzjoni ukoll tal-komunjoni, u s-subinciz 7 jaghti eccezzjoni ghal dan.*

*"Allura, tenut kont dan kollu premess, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-interpretazzjoni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti li ddistingwiet bejn 'twaqqif' u 'xoljiment', u donnha ma reditx li jkun hemm referenza ghal talbiet fl-Atti promoturi, hija, b'kull rispett lejha, legalment skorretta.*

*"Kienet daqstant skorretta, ghalhekk, id-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li t-talba ta' l-esponenti kienet inammissibbli, fl-umli fehma ta' l-esponenti.*

*"Huwa evidenti li l-Artikolu 55 gie introdott fis-sena 2011 propju sabiex il-partijiet jinghataw rimedju ghas-sitwazzjoni taghhom fi zmien ragjonevoli u sabiex jigi evitat sitwazzjoni bhal dak tal-kaz odjern fejn l-attrici minkejja li ghaddew 'l fuq minn tnax-il sena minn mindu bdew dawn il-proceduri ghada lanqas biss iddikjarat li ghalqet il-provi taghha bil-konsegwenza li z-zewg partijiet ghadhom imdendlin f'hajjithom. L-Artikolu 55 gie introdott proprju sabiex jevita sitwazzjoni fejn xi parti tista' tallega li d-dritt taghha ghal smigh fi zmien ragjonevoli gie lez billi jipprovdi soluzzjoni fejn filwaqt li l-komunjoni ta' l-assi jinhall u ghalhekk il-partijiet jistghu jkomplu b'hajjithom immedjatament b'dan li l-assi tal-kommunjoni u kif ghandhom jinqasmu jigi deciz fi stadju ulterjuri.*

*"L-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talba ta' l-esponenti fir-rikors tieghu kienet legalment korretta. Il-komunjoni ta' l-akkwisti tista tigi dikjarata xolta, cioe` ma tezistix izjed, b'dan li minn dakinhar 'l quddiem, ma tibqax applikabbli. B'hekk il-komunjoni tigi terminata. Tigi mwaqqfa. Il-bazi legali tat-talba ta' l-esponenti hija l-Artikolu 55(1)".*

9. L-attriċi wieġbet li:

*"2) Illi t-tieni aggravju jidher li huwa msejjes fuq l-ispekulazzjoni tal-appellant illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ħasbet illi hemm xi differenza bejn il-kliem 'waqfien', 'ħall' u 'xoljiment'. L-appellata ma tara l-ebda evidenza ta' daqshekk u ċertament ma tarax illi kemm-il darba l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha xi malintiż fuq daqshekk, dak il-malintiż wassal lill-Qorti għad-deċiżjoni tagħha".*

10. Skont l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili, f'kawża ta' separazzjoni kull parti tista' titlob lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti waqt li tkun għadha qiegħda tinstema' il-kawża.

11. Skont subinċiż (2) tal-Art. 55 ordni bħal dik tingħata b'sentenza u hemm dritt ta' appell. F'dan il-każ l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għaliex irraġunat li dak li talbu l-partijiet fid-disa' talba tar-rikors ġuramentat u fil-ħames kontro-talba kien ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux għal waqfien tal-istess.

12. Mir-rikors li ppreżenta l-konvenut fit-23 ta' Settembru 2019 hu evidenti li t-talba saret *a tenur* tal-art. 55 tal-Kodiċi Ċivili. Tant hu hekk li fir-rikors stess hemm referenza ripetuta għal dik id-disposizzjoni (ara paragrafi 10, 12 u 15).

13. Hu fatt li hi prassi li fir-rikors ġuramentat u kontro-talba ta' kawżi ta' din ix-xorta, jintalab ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Jista' jkun li l-użu tal-kelma *'xoljiment'* m'hijiex daqstant feliċi. Fil-fatt fil-Kodiċi Ċivili l-kelma xoljiment m'hijiex użata. L-Art. 55 jirreferi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

14. Madankollu, m'hemmx bżonn li wieħed jintilef fil-kliem. Evidenti li dak li ntalab mill-partijiet fir-rikors ġuramentat u kontro-talba hu fir-realta` il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Mir-rikors innifsu m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut ibbaża t-talba fuq l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili. Dik id-disposizzjoni biss tipprovdi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti waqt li tkun għadha qiegħda tinstema' il-kawża tas-separazzjoni.

15. Fir-realta` kull ma kellu jitlob il-konvenut fir-rikors li ppreżenta fit-18 ta' Frar 2020 kien il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u xejn iktar, u mhux deċiżjoni fuq id-disa' talba tar-rikors ġuramentat u l-ħames talba tal-kontro-talba. Qiegħed jingħad hekk għaliex jekk il-qorti tkun tal-fehma li għandha tiċħad it-talba minħabba r-raġuni li tissemma f'subinċiż (4) tal-

Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili u tiddeċiedi d-disa' talba tar-rikors ġuramentat u l-ħames talba tal-kontro-talba, tkun qiegħda tpoġġi lill-partijiet fil-posizzjoni li dawk it-talbiet ma jkunux jistgħu jiġu deċiżi fl-aħħar tal-kawża ta' separazzjoni. Dan ovvjament ikun bi preġudizzju għalihom.

16. Min-naħa l-oħra meta waqt il-kawża ta' separazzjoni Qorti tilqa' t-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili, fir-realta` tkun qiegħda tiddeċiedi t-talbiet li jkunu saru fir-rikors ġuramentat u l-kontro-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

17. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li ċaħdet it-talba fuq punt proċedurali. Mir-rikors tat-23 ta' Settembru 2019 il-Qorti tifhem li dak li ried il-konvenut hu li f'dak l-istadju tal-proċeduri l-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan kif kontemplat fl-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili.

18. Għaldaqstant, filwaqt li tilqa' it-tieni aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, ser tibgħat l-atti lura lill-ewwel Aorti sabiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddeċiedi dwar it-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

19. In vista' ta' dak li ngħad hawn fuq m'hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra t-tielet aggravju.

Għal dawn il-motivi tilqa' il-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Jannar 2020 u tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar ir-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr